KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 22/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Roderick Spiteri-Kunsillier<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier*<br><br>Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |
| **Skużati:** | Ivan Bartolo-*Kunsillier*<br>Neil J. Tirchett-*l-ambaxxatur taż-żgħażagħ* |
| **Assenti:** | Nicholas Seychell |

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.21 ġew approvati *nem com.*

2. **Punti imqajma mill-Minuti**

2.1. Il-Kunsillier Steven Axisa staqsa dwar l-*performace bonus* għall-ħaddiema tal-IPSL. Is-Sindku infurmah li m'aħniex infurmati bl-ebda sistema li biha nistgħu nagħtu *performace bonus* lil ħaddiema tal-IPSL.

3. **Korrispondenza**

3.1. Korrispondenza mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol sabiex tiġi nominata persuna sabiex isservi bħala President tal-Kunsill Skolastiku. Il-membri qablu li jiġu nominati is-Sur Tony Gallo u s-Sur Saviour Busuttil.

## 4. Immaniġġjar tat-Traffiku

4.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li hemm bżonn urġenti ta' *crash barriers* f'żoni li huma ta' periklu fosthom Triq Żabbar u Triq l-Isqof Pietru Pace. Għaldaqstant kompla billi ippropona li dawn isiru skond kif anke provdut għalihom fit-Tender tal-Kunsill. Il-membri approvaw.

4.2. Is-Sindku informa l-membri ukoll dwar *crash barrier* li kien approvat li isir fil-leġislatura preċedenti għal-Triq Wied Blandun, liema *crash barrier* ma setax isir fid-dawl tas-servizzi li hemm taħt il-bankini. Is-Sindku kompla billi qal li reġa' investiga l-każ ma' Transport Malta fejn dawn informawh illi jekk il-bankina titwessa u it-triq Fr. Charles Platter tiġi *one way* huma ikunu lesti li jagħmlu dawn il-*crash barriers*. Għaldaqstant il-membri approvaw illi l-aħħar parti tat-triq ta' Fr. Charles Platter tiġi one way kif ukoll titwessa l-bankina sabiex ikun jista' isir *crash barrier* mill-Awtorità.

## 5. Proġetti Ewropej

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienet sargħet applikazzjoni għal-ko-finanzjament mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-proġett Ewropej At Fort. Issa li dan il-proġett intemm hemm bżonn li issir it-tieni applikazzjoni flimkien mad-dokumenti relatati. Il-membri approvaw li napplikaw għal dan il-ko-finanzjament.

## 6. Milied 2016

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi b'rabta mat-tiżjin tal-Milied ilhom isiru diskussjonijiet kemm fil-Kunsill kif ukoll mal-għaqdiet fejn fakkar li dan it-tiżjin jiġi finanzjat mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-entitajiet tal-lokalita. Huwa kompla li wara li tkellem mal-Kunsilliera kif ukoll mal-għaqdiet dwar iż-żieda fil-kwalità li ilkoll nixtiequ li ikun hawn fl-armar, ippropona li il-finanzjament tal-Kunsill jiżdied sal-limitu *tad-Direct Order* għal-dawk l-għaqdiet li jarmaw il-Pjazza. Għall-għaqdiet ta' Lourdes il-finanzjament għandu jiżdied b'€200 kull għaqda. Il-membri approvaw u qablu wkoll li l-fatt jekk il-livell tal-armar ikunx żdiet jew le jiġi diskuss f'laqgħa tal-Kunsill f'Jannar 2017. Is-Sindku kompla billi qal li jekk ikun hemm qbil u żieda fil-livell is-sena id-dieħla isir kuntratt għal-numru ta' snin.

6.2. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Bernard Lynch infurmaw lil membri li l-attivitajiet tal-Milied ser jinkludu:

6.2.1. Party għall-Anzjani

*6.2.2. Dinner Dance*

6.3. Il-membri qablu wkoll li għanda tiġi organizzata attività għat-tfal għal-żmien il-Milied. Is-Sindku qal li tkun idea sabiħa li tiġi organizzata żjara f*'zoo* is-Siġġiewi u għaldaqstant informa lil membri li ser ikun qed jaħdem fuq din l-attività fil-ġranet li ġejjin.

## 7. Jum Paola 2017

7.1. Is-Sindku informa lil membri illi tul is-sena 2017 il-Knisja ta' Kristu Re ser tkun qed tiċċelebra il-50 sena mil-Konsagrazzjoni tal-Knisja u għaldaqstant tkun ħaġa xierqa jekk Jum Paola jiġi iċċelebrat f'din il-parroċċa wara li fis-snin li għaddew ġie iċċelebrat fil-Parroċċa ta' Lourdes u anke f' Għajn Dwieli. Għaldaqstant is-Sindku ippropona li għal Jum Paola 2017 jiġi organizzat kunċert bejn iż-żewġ baned tal-parroċċa Kristu Re filwaqt ukoll li ser jiġi inawgurat mafkar ta' Ġużè D'Amato mill-Knisja. Il-membri approvaw li isir il-Kunċert fit-12 ta' Lulju 2017, sabiex ikunu jistgħu isiru l-preparamenti meħtieġa.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi kellu laqgħa mal-Kunsill Konsultattiv tan-Nofsinhar ta' Malta fejn ġie infurmat illi il-kumplament tas-siġar tal-Pjazza ser jinqalgħu lejn Novembru u Diċembru u ser jiġu imħawwla fi Ġnien il-Mediterran. Hawnhekk il-membri faħħru l-fatt illi l-kumplament tas-siġar li inqalgħu u tħawlu reġa ħadu l-ħajja. Il-Kunsillier Muscat qal li għandu isir sforz biex il-palm li hemm fil-Pjazza jitħawwel ukoll ġo post ieħor minflok li jinqered. Is-Sindku kompla billi qal li tkompla il-proċess tal-offerti u dan iwassal sabiex ix-xogħol jibda f'Jannar 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ix-xogħol għandu jitlesta sa sena u nofs u għandu jitlesta *Traffic Impact Assasement* mill-Kuntrattur li ser jiġi ppreżentat lil Transport Malta. Il-Kunsillier Muscat qal li għanda naraw ukoll sabiex naraw hux possibbli li l-garaxx li tħaffer taħt il-latrini jingħata lilna. Is-Sindku irrisponda li ma jidhirx li huwa garaxx però kompla li huwa infurmat li dan l-ispazju ser jingħata lid-Dipartiment tal-artijiet.

8.2. Is-Sindku ippropona li jiġu installati fil-lokalita kontenituri sabiex jilqgħu fihom ħwejjeġ użati. Il-membri approvaw li jiġu installati żewġ kontenituri.

8.3. Is-Sindku informa lil membri illi huwa kompla jaħdem sabiex jinkisbu l-fondi b'risq il-proġett ta' Ġnien Dom Mintoff kif ukoll li illum beda ix-xogħol fi Triq Melita.

## 9. Approvazzjoni tal-Skeda tal-Pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 22 għas-somma ta' €104,178.50

## 10. Aġġornament

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:20pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 30 ta' Novembru 2016.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |

**Data**: 30 ta' Novembru 2016